## L-Ewwel Kapitlu … jew l-Ewwel Pass

Masini kien qed jerġa' jdur ġo rasu. Kien ilu ġimgħa jipprova jeħles minn dik l-għanja qerrieda: *E quando sei disperato, come me senza te*. Kien nesa fejn kien semagħha l-aħħar imma weħlet miegħu u kien qed imaħmaħha kull ħin u kull mument. Jekk jaqbad lil min qabbadhielu …

U issa dis-suttana. Qalulu li ma jimpurtax jekk il-buttuni se jisparaw u li kienet xi ftit imkittfa. Ma kienx se jdum biha. Ma kienx se jdum: tarax – kien ilu ġa siegħa jistenna li jibdew. L-għaraq kien qed ixoqq taħt abtu u probabbli, jekk xi ħadd ikollu mnieħru tajjeb, kien ixommu qed irejjaħ. Ma kienx jista' għaliha dik ir-riħa – la fuq ħaddieħor u wisq anqas fuqu nnifsu. Lanqas li ma kienx jeżisti sapun!

U kien ilu ġurnata barra. Kellu l-kalzetti qed jgħumu fl-għaraq; minn dak li xxommu minn ġoż-żarbun. U llum kien se jkun qrib ħafna tagħha. *Quando sai di essere sbagliato-o-o* …

Mar ipoġġi bilqiegħda 'l bogħod minn kulħadd, forsi jiskansa li jgħidu fuqu. Xejn xejn, joqgħod fil-kwiet jipprepara. Illum ma riedx li jeħel hu jekk l-affarijiet imorru żmerċ. Biżżejjed li kienu jżommuh barra mill-klikka tagħhom … imorru jixorbu flimkien u ma jgħidulux; jagħmlu party u ma jistednuhx. U forsi jekk jarawh ipoġġi, qisu lest biex jibda, jieħdu spinta u jaħsbu biex jibdew jagħmlu xi ħaġa. Ma xtaqx idum barra llejla. Għalaq għajnejh biex jgħin lilu nnifsu jiftakar x'kellu jgħid waqt li l-għaraq gelgel ħelu ħelu ma' taħt abtu. Qaħbeċ suttana!

Ħass id fuq idu. Inħasad u fetaħ għajnejh f'daqqa. Ħares dritt dritt f'għajnejha. Hi kollha kemm hi, bl-isbuħija immensa tagħha. Ma kinitx iktar minn pied bogħod minn wiċċu. Kien ilu jistenna dal-mument. Kienet magħrufa u xtaq li jaħdem magħha. Forsi jekk joħroġ ta' nies, terġa' tqabbdu darb'oħra. Il-mument mixtieq kien wasal.

"Aħfirli father għax dnibt." Ipprova jifhem x'kienet qalet għax mhux dawk kienu l-ewwel linji. Ma jimpurtax: ikompli magħha u jimprovizza. Kien għamlu kemm-il darba dal-eżerċizzju waqt il-kors. Irid ikollok moħħok jgħaġġel u immaġinazzjoni tajba. "Ehm, tinkwetax binti, iftaħ qalbek." Iva, dik żgur kienet l-ewwel linja tiegħu, jew xi ħaġa hekk insomma. Ħass idha tagħfas iktar fuq idu; dak kien

jonqsu, li hi tmissu u tagħfsu. Mur għidilha l-fantasiji li …

"Qlibtha lir-raġel u ma nafx x'se naqbad nagħmel."

Le, dik żgur ma kinitx fl-iskript. Ħares sewwa lejha u ra wiċċha abjad karti, bi ftit għaraq fin ileqq fuq xoffitha. Fil-fatt, issa li kien daqshekk qrib tagħha induna li kellha anke ftit pil fuq xoffitha ta' fuq. Ħassu jinġibed ftit lura; il-pil kien idejqu.

Bħalma kienu jdejquh ħafna ħwejjeġ oħra: kien jiddejjaq li jmissuh; kien jiddejjaq li jersqu qrib tiegħu ħafna; kien jiddejjaq li jħoss idejn ħaddieħor għarqana jmissu mal-ġilda tiegħu; kien jiddejjaq li mbagħad jibda jimmaġina u jikkalkula kemm kienu tefgħu mikrobi fuq ġildu; li jibda jimmaġina wkoll kemm jista' jkollhom mikrobi oħrajn jiġġerrew ma' partijiet oħra niedja ta' ġisimhom; malajr kien jibda jhewden minn fejn ġew dawk il-mikrobi – kinux simbjotiċi jew parassiti; xi *staphylococcus*[1] żgur, forsi wkoll xi …

"Ma nafx x'kont qed naħseb. Sabni mument … hekk … dgħajfa. U issa forsi tqila wkoll." Għajnejha,

1 *Staphylococcus aureus (aka Staph.aureus)*: daqsxejn ta' mikrobu li, bħal Puck ta' Midsummer Night, tgħidx kemm jaf jaqla' inkwiet. Skont il-Wikipedia, *Staphylococcus* is a genus of Gram-positive bacteria. Under the microscope they appear round (*cocci*), and form in grape-like clusters. Jikkawża ħafna mard stramb, minn sempliċi ponta bil-materja għal ħwejjeġ ħafna aktar serji. Tant użajna antibijotiċi bl-addoċċ minn mindu skoprejna dal-kimiċi, li issa l-mikrobi qed jitgħallmu jirreżistu u allura tfaċċat l-MRSA: *methicillin resistant staph aureus*. Għal aktar informazzjoni rrikorru għand il-Google.com.

dawk l-għajnejn ħodor, bdew ileqqu. Jew kienu diġà hekk qabel ma ħares sewwa?

Xi l-mnieġħel qiegħda tgħid? Jekk dan kien eżerċizzju ta' improvisation, ma kienx il-waqt. Aħjar jgħaddu line-and-cue tal-iskript li kellhom għal-lejla. "Mhux aħjar …"

"Ħallini nispiċċa Father."

Ħares lejha iktar fil-fond. Żomm ftit: għajnejha kellhom xi ħaġa. Ma kinitx qed tiffoka sew. Ma nagħmlux mod? "Ħa ngħidlek …." reġa' pprova jwaqqafha.

"Għidtlek ħallini nispiċċa. Mhux se niċċaqlaq minn hawn jekk ma tagħtinix assoluzzjoni."

Ġibed waħda ħoxna u twila minn taħt l-ilsien. Dan kien jonqsu: din il-mingħul li titlef rasha u tferra' qalbha miegħu mingħajr ma jista' jagħti l-ebda ħelsien mit-toqol. Ta s-salt biex iqum minn fejn kien imma difrejha aktar iggranfaw miegħu. Ħasshom jagħfsu 'l ġewwa ġo ġildtu: jekk taqsamlu l-ġilda b'difrejha, l-i*staphylococcus* żgur jinvadih. Beda mill-ewwel jikteb mentalment ir-riċetta tal-ingwent …

"Konna għadna kif spiċċajna mill-filming u wassalni sal-karozza. Imbagħad ġie b'ħafna kliem tas-soltu: għax imdejjaq mal-mara; ma tifhmux; jammirani kemm jien rasi fuq għonqi; kemm nitkellem bis-sens. Imbagħad, ma nafx għalfejn beda jibki u jien poġġejt

idi fuq spalltu u hu ġie jolfoq fuq spallti u mbagħad rassni miegħu. Jien bistu lura. Kont ilni ma nħoss sħana ta' raġel hekk qrib tiegħi. Ftaħna l-bieba ta' wara tal-karozza tiegħi u tefagħni fuq is-sit. Intefa' fuqi u tellagħli l-flokk 'il fuq …"

Le, hemm bżonn li jwaqqafha. "Stenna waħda …"

Kollu għalxejn għax baqgħet għaddejja. Għajnejha qishom bi żlieġa mhux qed jarawh imma n-nixxiegħa ta' dnubietha kienet bdiet tgelgel u ma setax iwaqqafha. Kompliet minn taħt l-ilsien u hu beda jisma' biss siltiet.

"Ħalqu fuq sidri … idejja jagħfsuh miegħi … idu taħt id-dublett … bistu b'kemm kelli saħħa … il-qalziet ta' taħt … ftaħt saqajja …"

F'daqqa waħda, ġie tassew f'tiegħu. Issa daqshekk, ma jimpurtahx. Mhux se jisma' iktar. Induna li l-għaraq taħt is-suttana kien infirex kullimkien (taħt abtu kien tilef id-drittijiet esklussivi); ra xi tnejn jew tlieta mill-kast iħarsu lejhom stramb. Il-cameraman kien qed ipejjep ieħor (ir-raba' jew il-ħames?) imma kien qed jgħarrex lejhom … taparsi jistudja l-angolu ta' kif se jiġbed ix-xena. La kien qed ipejjep bħal ċumnija, kien ifisser li ma kellux aptit jaħdem illum. Kien qed jagħmilha ta' spiss u kienu qed jaqtgħu lura fix-xogħol. B'dan l-iskript tal-qamel, ma tagħtihx tort … imma ma messux daħal għall-biċċa tax-xogħol.

Messu ra l-iskript qabel ma aċċetta li jiffilmja s-serje. U milli jidher, il-ġimgħa l-oħra faqqgħet waħda sewwa bejnu u bejn id-direttur u ġew fl-idejn u tgħidx kemm tmiegħku mal-art … bil-kamera b'kollox. Tilfu ġurnata sħiħa filming sakemm sewwewha …

Ħass difer jinfidlu idu. Rebaħ l-i*staphylococcus*. Kemm se jiffoxxna minn fuq il-*capillaries* u *subcutaneous tissue*. X'fettillu qagħad jaħseb fuq il-problemi tal-cameraman!

"Għidtlek jien mhux qassis ta' veru. Jien tabib." Ġibed idu waħda sewwa u d-difer kompla jkabbar it-tiżrita żgħira fil-ġilda li minnha issa setgħet tidħol armata *staphylococci* … u min jaf x'iktar minn taħt difrejn l-attriċi midinba (tgħidx kemm jikbru affarijiet taħt id-dwiefer tan-nies). Qam minn bilqiegħda u telaq lejn il-bieb biex jaħrab minnha, jew biex forsi ma jibqax taħt il-ħarsa ta' dak is-seqer ta' cameraman. Bis-salt li ta, waħda mill-buttuni tas-suttana mislufa ("Ara ħu ħsiebha, għax iz-ziju Dun Bert ma jerġax jagħtihieli.") ċediet l-armi u nqalgħet minn postha. Ovvjament, spiċċat taħt siequ u żelaq. Biex ma jaqax, xejjer tnejn idejh qisu mitħna. Dik il-belha ta' Stacey, giggling idiot ta' dsatax-il sena li kienu jagħtuha parti għax sidirha kbir, infaqgħet f'daħka werżieqa u kulħadd spiċċa jħares lejh.

Aktar lebbet jiġri 'l barra. Ħassu qed jifga. Ma setax

ikun. Kien jiġi hawn biex jistrieħ wara ġurnata xogħol mhux biex jisma' fuq il-bawxati extramatrimonjali tad-diva tas-sensiela. U biex tgħaxxaqha, kien diġà qed jarahom iwaħħlu fih. Ma setax jifhem kif ħajtu kollha, anke meta jkun mili 'l bogħod minn fejn ikun ġara l-fatt, dejjem jispiċċa jieħu t-tort.

Wasal barra t-triq. Hawn, quddiem kulħadd, b'serbut karozzi għaddejjin, ħassu żelaq minn kull periklu. Hawn ma kinux jafuh. Ħadd ma kien se jwaħħal fih. Dik ma kinitx se tazzarda tkompli bl-istorja …

Arralu. Kienet ħarġet warajh u mix-xeħta tagħha ma kinitx se tieqaf titturmentah.

"Għadek ma ħfirtlix."

"Xi ż-… xi l-mniegħel tridni naħfirlek?" Beda jħares madwaru. Tal-ħaxix, ipparkjat bil-vann maġenb il-bankina, kien diġà qisu beda jieħu interess fl-istorja.

"Għidtlek, ma nistax ngħix b'dan id-dnub fuqi. Irrid assoluzzjoni."

"U jien diġà għidtlek li m'iniex qassis. Jien tabib."

"Aħjar. Intom ukoll għandkom is-sigriet professjonali. U lilkom żgur ikollna ngħidulkom kollox għax inkella ma nfiqux. Qassis tista' taħbilu xi 'ħaqq' jew xi 'żobb' jew xi dnub żgħir. Lilkom le."

Kellha punt … imma ma kienx dak il-punt. Hu ma kienx qassis u hemm, f'nofs tat-triq b'tal-

ħaxix iżebbeġ u l-parruċċani tiegħu wkoll jibdew iħarsu bl-attenzjoni lejn dik ix-xenetta ("Min jaf f'liema episodju se tidher? Fejn hu tal-kamera? Forsi jarawna fuq it-televixin!") ħassu li ma setax jagħtiha assoluzzjoni sħiħa. Anzi: ma setax jagħtiha assoluzzjoni – punto e basta. Masini reġa' beda jidwi ġo rasu: *disperatooooo*!

Il-glandoli tal-għaraq kienu qed jitolbu l-ħlas tas-sahra u bil-fixla kważi ġibed għal nofs it-triq, imma deherlu li, għalkemm is-sitwazzjoni kienet imwiegħra, is-suwiċidju kien soluzzjoni kemm kemm estrema. Hekk kif Honda Civic mill-ġodda (tal-Ingilterra żgur) għaddiet kważi tħakkek ma' koxxtu x-xellugija, iddeċieda li jerġa' jidħol ġewwa. Imma ried li l-istorja tieqaf hemm.

"Aħjar titlobha lil żewġek il-maħfra. Wara kollox, lilu kornejt."

U b'dak il-parir meqjus, ta' professjonist li studja ħames snin sħaħ biex ifejjaq l-uġigħ, daħal jiġri 'l ġewwa, b'ħafna dubji mgħobbija fuq dahru.

Tgħid kien għajjat iżżejjed?

Tgħid semgħuh ix-xerrejja tal-frott frisk?

Tgħid kienu se jaħsbu li kienet parti mill-film?

Tgħid kien kiser il-wegħda ta' Ipokrate?

Bis-suttana taz-ziju Dun Bert tiddabilja[2] wkoll bħala xugaman, daħal ġewwa u jsib (kif kien jgħid in-nannu Ġuż, li kien iħobb il-klassiċi) il-*finimundu*! Peter, il-cameraman, kien qed jigdem widnet David, id-direttur, waqt li ħwejjiġhom kienu qed jiddabiljaw ukoll bħala paljazzi. Biex jgħinu lil ħwejjiġhom jagħmlu l-parti sewwa, kienu qed jitmiegħku kemm jifilħu fost ħafna dagħa mżejjen u daqqiet kif ġie ġie. Stacey kienet qiegħda twerżaq f'kantuniera waqt li Michael u Tonio kienu qed jippruvaw itellfu l-parti prinċipali lill-ħwejjeġ tal-ġellieda billi jferrqu lil Peter u David u jiġbruhom minn mal-art. Kważi kważi, xena meħuda mill-iskript medjokri li kellhom f'idejhom.

Minn dak li qallu Tonio l-għada fuq it-telefown, David ried li jara ħarira iktar xogħol u beda jokrob u jeqred biex Peter jieqaf ipejjep u jiġbed xi biċċa mill-istorja; Peter bħal donnu induna li l-logħba tat-tipjip ma kinitx se tkoprih għal ħafna iktar ħin u rrassenja ruħu biex jibda jaħdem. Imma meta ġie biex jixgħel il-kamera, induna li ħalla warajh il-battery pack (jew xi ħaġa oħra importanti li mingħajrha l-kamera ma tiffunzjonax, u li nies sempliċi bħali u bħalek qatt

2 Mill-verb iddabilja li hu bbastardjat mill-espressjoni *to double*, li hi kelma teknika teatrali li tiddeskrivi dak li jagħmel attur meta ma jkunx hemm biżżejjed nies biex jagħmlu l-partijiet kollha; allura l-attur ikollu jagħmel żewġ partijiet jekk mhux tlieta. Tiġri l-aktar meta l-producer ma jkunx irid iħallas lil xi ħadd biex jitla' fuq il-palk għal żewġ kelmiet.

mhu se nifhmu għal xiex isservi eżattament). Allura, la l-kamera ma kinitx se tiffunzjona, il-filming tal-ġurnata kien f'xifer il-mewt. Ovvjament, David, li kien ilu jistenna li jispiċċaw is-sigaretti kollha ta' Malta biex forsi Peter jitħajjar jaħdem, u li kien ilu jistenna mill-aħħar ġlieda biex forsi Peter juri ftit interess serju fis-serje, ħassu li kien mhux biss iġġustifikat imma OBBLIGAT li jsemmi lil oħt Peter (jew parti importanti mill-pudenda tagħha) ... fil-fatt Tonio ma kienx ċert jekk kinitx oħtu jew ommu li ssemmew għax, fil-*finimundu* li nqala' ħadd ma kien qed jisma' sewwa x'kien qed jintqal. Issemma min issemma, Peter ma qagħadx lura u malajr daħħal inxena lil oħt David li mhux biss kienet poġġuta imma anke lill-boyfriend kienet qed tkabbarlu l-qrun ma' Bulgaru nofs kedda! Skont Tonio, mhux żgur għaddew milleżmi ta' sekonda qabel ma t-tnejn li huma kienu qed jippruvaw jieħdu r-raġun bl-eqdem forma ta' ġustizzja: daqqtejn ponn sewwa u min hu l-aqwa jħawwel!

Imma dan kollu sar jafu l-għada. Dak il-ħin, bis-suttana taz-ziju Dun Bert imwaħħla miegħu, bit-twerżiq ta' Stacey (b'nofs sidirha barra – fatt li ma jafx kif ma skappalux minkejja l-*finimundu*) itaqqablu rasu, u bit-toqol tad-dnub ta' ħaddieħor mitfugħ f'ħoġru għalxejn, deherlu li postu ma kienx

hemm. Wara kollox, kien jiġi hawn biex jieħu siegħa gost; kien ukoll professjonist ta' ċerta portata li ma kienx jaqbillu jinqabad fi storja fejn kienet żgur se titfaċċa l-Ġustizzja (dik liebsa l-uniformi u mhux dik li kienu qed jeżerċitaw David u Peter jew dik li jgħattulha għajnejha biex taparsi ma tħarisx lejn uċuħ); kien ukoll iddejjaq sal-ponta ta' mnieħru u allura, wara li osserva daqqa ta' ponn ta' Peter, li lil David żgur qasmitlu r-*right zygomatic arch*, telaq 'il barra bis-suttuna b'kollox. Daħal fil-karozza, startja u saq lejn id-dar … mingħajr ma induna li warajh kienet ġejja Magda, l-attriċi prinċipali tat-teleseries ormaj defunta, li baqgħet tħares lejh imbikkija u tistenna l-assoluzzjoni!

Fetaħ il-buttuni tal-għonq tas-suttana. Fetaħ it-tieqa tal-karozza beraħ u ħass l-arja friska ġġibu f'tiegħu. Fetaħ ir-radju u sab lil Masini jħanxar *disperatooooo*!